31987R1382

21.5.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 132/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1382/87 tal-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-ispezzjoni ta' bastimenti tas-sajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2057/82 tad-29 ta' Ġunju 1982 li jwaqqaf ċerti miżuri ta' kontroll għall-attivitajiet tas-sajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 4027/86 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82 jipprovdi għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-ispezzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

Billi huwa meħtieġ li tingħata t-tifsira tal-bastimenti u l-attivitajiet tagħhom suġġetti għall-ispezzjoni;

Billi l-bastimenti ta' spezzjoni għandhom juru l-identifikazzjoni xierqa;

Billi għandhom jiġu mfissra l-obbligi tal-bastiment li qed jiġi spezzjonat;

Billi għandhom jiġu mfissra l-obbligi ta' l-istati kostali dwar ċerti nuqqasijiet;

Billi l-kordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' kontroll tkun iffaċilitata bis-suġġerimenti magħmula mill-Kummissjoni;

Billi, taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri nazzjonali ta' kontroll li jmorru lil hemm mill-ħtiġijiet tal-Komunità, sakemm iħarsu l-liġi tal-Komunità u li jikkonformaw mal-politika komuni tas-sajd;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

1. Spezzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jitweqqu fuq il-baħar u fil-port fuq il-bastimenti li ġejjin:

— Bastimenti mgħammra għal attivitajiet tas-sajd, sew jekk it-tagħmir ikun imwaħħal b'mod permanenti mal-bastiment sew jekk le;

— Bastimenti li jirċievu ħut jew prodotti tal-ħut għall-ipproċessar, trasport jew ħażna.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Reolament l-espressjoni ħut għandha tinkludi l-ħut kollu, krustaċeji u molluski.

Artikolu 2

Kull bastimenti maqbud fi spezzjoni għandu jtajjar b'mod ċar, bandiera jew simbolu kif jidher fl-Anness I.

Artikolu 3

1. Il-kaptan ta' bastiment li jkun ser jiġi spezzjonat jista' jiġi mitlub minn rappreżentant ta' l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li jieqaf, jimmanuvra jew iwettaq azzjonijiet oħra sabiex jiffaċilita t-tlugħ fuq il-bastiment.

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Anness II japplikaw għal bastimenti li aċċess mhux perikoluż u konvenjenti għalihom jirrikjedi skalata ta' 1,5 metri jew aktar.

3. Il-kaptan tal-bastiment spezzjonat għandu fuq talba jagħmel it-tagħmir ta' komunikazzjoni tal-bastiment u l-operatur disponibbli għall-messaġġi li jintbagħtu jew jiġu riċevuti għall-iskopijiet ta' l-ispezzjoni.

Artikolu 4

Meta fi Stat Membru jinstab ksur allegat dwar bastiment ta' Stat Membru ieħor, l-ewwel Stat Membru għandu javża lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera b'dan il-fatt kif ukoll bl-azzjoni amministrattiva jew legali li tkun ittieħdet b'riżultat.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni tista' tagħmel suġġerimenti lill-Istati Membri dwar il-kordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' kontroll tagħhom skond l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1987.

[1] ĠU L 220, 29.7.1982, pġ. 1.
[2] ĠU L 376, 31.12.1986, pġ. 4.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Mejju 1987.


Għall-Kummissjoni

António CARDOSO E CUNHA

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

SANĠAKK JEN SINJAL TA' SPEZZJONI



ANNESS II

KOSTRUZZJONI U SLIELEM UŻATI GĦAT-TLUGĦ ABBORD

1. Is-sellum għat-tlugħ abbord ipprovdut għandu jkun effiċjenti għall-iskop li jippermetti lill-ispetturi li jimbarkaw u jiżbarkaw b'mod mhux perikoluż fuq il-baħar. Is-sellum għat-tlugħ abbord għandu jinżamm nadif u jaħdem tajjeb.

2. Is-sellum għandu jitqiegħed f'posizzjoni u b'mod żgur illi:

   (a) ma jkunx taħt xi emissjoni possibbli tal-bastiment;

   (b) ikun mwarrab mill-ħbula l-aktar irqaq u sa fejn ikun possibbli fin-nofs tal-bastiment;

   (ċ) kull skaluna tkun tistrieħ b'mod sod mal-ġenb tal-bastiment.

3. L-iskaluni tas-sellum ta' l-ibburdjar għandhom:

   (a) ikunu ta' injam iebes jew ta' materjal bi proprjetajiet ekwivalenti, magħmul f'biċċa waħda u ħieles mill-għoqod; l-erba' skaluni ta' isfel jistgħu jkunu magħmula minn lastiku ta' saħħa u ebusija suffiċjenti, jew ta' xi materjal ieħor addattat b'karatteristiċi ekwivalenti;

   (b) ikollhom wiċċ li ma jiżloqx;

   (ċ) ikunu ta' tul ta' mhux anqas minn 480 mm, 115 mm wisa', u 23 mm ħxuna, eskluż xi attrezzi jew issingjar kontra ż-żliq;

   (d) ikunu spazjati ugwalment mhux anqas minn 300 mm u mhux aktar minn 380 mm 'l bogħod minn xulxin;

   (e) ikunu marbuta b' tali mod li jibqgħu dejjem orizzontali.

4. — Ebda sellum ta' l-ibburdjar m'għandu jkollu aktar minn żewġ skaluni ta' tibdil li jkunu miżmuma fil-post b'metodu differenti minn dak użat fil-kostruzzjoni oriġinali tas-sellum u l-iskaluni marbuta b'dan il-mod għandhom ikunu mibdula, malli jkun raġonevolment prattiku, bi skaluni miżmuma fil-posizzjoni bil-metodu użat fil-kostruzzjoni oriġinali tas-sellum.

   — Meta xi skaluna ta' tibdil tiġi marbuta mal-ħbula tal-ġnub tas-sellum ta' l-ibburdjar permezz ta' issingjar fil-ġenb ta' l-iskaluna, dan l-issingjar għandu jkun fil-ġnub l-aktar għolja ta' l-iskaluni.

5. Il-ħbula tal-ġnub tas-sellum għandhom jikkonsistu f'żewġ ħbula manila mhux mgħottija jew l-ekwivalenti tagħhom ta' mhux anqas minn 60 mm ċirkonferenza f'kull ġenb; kull ħabel m'għandux ikun mgħotti b'xi materjal ieħor u għandu jkun kontinwu mingħajr ġonot 'l isfel mill-iskaluna ta' fuq; iż-żewġ ħbula prinċipali, marbuta sew mal-bastiment u ta' mhux anqas minn 65 mm ċirkonferenza, u linja ta' sigurtà għadha tinżamm lesta għall-użu f'każ ta' bżonn.

6. Traversi magħmulin minn injam iebes jew materjal bi proprjetajiet ekwivalenti, f'biċċa waħda, ħielsa mill-għoqod u bejn 1,8 u 2 m tul, għandhom jiġu pprovduti f'intervalli f'tali mod li ma jħallux is-sellum ta' l-ibburdjar jitgħawweġ. It-traversa l-aktar baxxa għandha tkun fuq il-ħames skaluna minn isfel tas-sellum u l-intervall bejn kull traversa w oħra m'għandux ikun ta' aktar minn disa' skaluni.

7. Għandhom jiġu pprovduti mezzi li jaċċertaw is-sigurtà u l-passaġġ konvenjenti sabiex l-ispetturi jimbarkaw u jiżbarkaw mill-bastiment bejn it-tarf tas-sellum ta' l-ibburdjar u ta' xi sellum ta' akkommodazzjoni jew tagħmir ieħor ipprovdut.

   Meta dak il-passaġġ ikun permezz ta' fallakka fil-poġġaman jew ilqugħ, għandhom jiġu pprovduti postijiet fejn wieħed ikun jista' jqabbad idejh.

   Meta dak il-passaġġ ikun permezz ta' sellum ta' l-ilqugħ, dak is-sellum għandu jkun marbut b'mod żgur mal-poġġaman ta' lqugħ jew pjattaforma u żewġ pilastri sabiex wieħed iqabbad idejh għandhom jitwaħħlu fil-punt ta' l-imbark jek l-iżbark mill-bastiment mhux, anqas minn 0,70 m u mhux aktar minn 0,80 m 'il bogħod minn xulxin. Kull pilastru għandu jitwaħħal b'mod riġidu ma' l-istruttura tal-bastiment fil-bażi jew viċin tagħha kif ukoll f'punt aktar għoli, m'għandux ikun ta' diametru anqas minn 40 mm, u għandu jkun jestendi mhux anqas minn 1,20 m 'l fuq mill-quċċata ta' l-ilqugħ.

8. Bil-lejl għandu jkun imdawwal b'tali mod illi kemm is-sellum ta' l-ibburdjar mal-ġenb kif ukoll il-post fejn jitla' abbord il-bastiment l-ispettur ikun hemm dawl biżżejjed. Għandha tinżamm fil-viċin għal-lest ġakketta tas-salvataġġ mgħammra b'dawl li jixgħel waħdu. Għandu jnżamm fil-viċin għal-lest ħabel tal-ġbid.

9. Għandhom jiġu pprovduti mezzi sabiex is-sellum ta' l-ibburdjar ikun jista' jintuża fuq kull naħa tal-bastiment.

   L-ispettur inkarigat jista' jindika ma' liema naħa jkun jixtieq li jitqiegħed is-sellum ta' l-ibburdjar.

10. Uffiċjal inkarigat fuq il-bastiment għandu jissorvelja l-ħbula tas-sellum u l-imbarkazzjoni u l-iżbarkazzjoni ta' spettur.

11. Meta fuq xi bastiment il-mod ta' kostruzzjoni bħal *rubbing bands* ma jkunx jippermetti l-implimentazzjoni ta' xi waħda minn dawn id-disposizzjonijiet, għandhom isiru arranġamenti speċjali sabiex jiġi żgurat li l-ispetturi jkunu jistgħu jimbarkaw u jiżbarkaw mingħajr perikolu.